# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

### Seduta ta' nhar il-5 ta' Ottubru 2023

**Rik. Gur. Nru.: 288/2021 JPG**

**Kawza Numru : 25**

**FM**

**Vs**

**Li permezz ta' Digriet datat il-22 ta' Frar 2023, gew nominati Dr Maria Karlsson u PL Katrina Zammit Cuomo bhala Kuraturi Deputati sabiex jirraprezentaw lill-assenti OMM**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' FM datat 2 ta' Dicembru 2021, a fol 1 et seqq., fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. *Illi nhar l-20 ta' Novembru 2009, il-kontendenti żżewwġu ġewwa r-reġistru taż-żwiġijiet fil-Belt Valletta (kopja taċ-ċertifikat taż-żwieġ annessa u mmarkata bħala Dok. FM1) u minn dan iż-żwieġ ma kienx hemm ulied;*

2. *Illi qabel dan iż-żwieġ, il-kontendenti kienu saru jafu lil xulxin virtwalment permezz tas-sit elettroniku www.globalladies.com, fejn wara li kienu għamlu xi ftit żmien jitkellmu online, ir-rikorrenti kien ħallsilha biex tiġi btala f'Malta. Matul din il-btala,*

*il-konvenuta kienet qagħdet fir-residenza tar-rikorrenti ossia, Daffodil Crt, Blk C, Fl1, Triq San Ġorġ, Santa Venera, mar-rikorrenti stess, u kienet damet hawn Malta madwar tliet ġimgħat;*

3. *Illi ftit wara l-ewwel btala f'Malta li r-rikorrenti kien ħallsilha, huwa kien reġa' ħallsilha mill-ġdid biex terġa' tiġi, fuq talba tagħha, u ftit wara li telqet lura, kienu ftehmu online li jiżżewwġu f'Malta biċ-ċivil. Nell'frattemp, meta hija kienet għadha r-R, kienet titolbu l-flus u kien jibgħathomlha r-R biex jgħinha;*

4. *Illi l-konvenuta hija ħdax-il sena iżgħar mir-rikorrenti u minkejja li kienu żżewwġu, ir-rikorrenti, wara li l-konvenuta kienet abbandunatu, kien reġa' sabha fuq l-istess sit elettroniku u fir-riklam tagħha fuq tali sit, hija kellha mniżżel li qatt ma kienet miżżewwġa; konferma ċara tal-esklużjoni taż-żwieġ innifsu da parti tal-konvenuta;*

5. *Illi r-rikorrenti jirrileva illi l-konvenuta ftit li xejn kienet titkellem bl-Ingliż, u fil-fatt ħafna mid-drabi huma kienu jikkomunikaw b'lingwaġġ bażiku għall-aħħar u b'mossi, inkellha bil-faċilita' tat-traduzzjoni online meta kienu jikkomunikaw virtwalment;*

6. *Illi l-konvenuta, fiż-żmien qasir li għexet Malta mar-rikorrenti, qatt ma ppruvat tagħmel ħbieb ġodda u fil-fatt kienet toħroġ biss mar-rikorrenti fejn kien jeħodha tixtri ħwejjeġ minn ħwienet tad-ditta u kien joħroġha tiekol u tgawdi, u xi kultant kienu joħorġu ma' oħt ir-rikorrenti. Hija qatt ma ppruvat taħdem f'Malta u wisq anqas ma daħlet f'xi għaqdiet jew involviet ruħha b'xi mod fil-komunita' biex tintegra u tistabilixxi lilha nfisha f'Malta;*

7. *Illi l-kunsens tar-rikorrenti għal dan iż-żwieġ inkiseb b'qerq dwar xi kwalita' tal-konvenuta li tista' mix-xorta tagħha tfixkel serjament il-ħajja miżżewġa;*

8. *Illi fil-mori ta' din il-kawża ser jiġi ppruvat illi l-kunsens tal-konvenuta inkiseb bl-esklużjoni pożittiva taż-żwieġ innifsu jew ta' xi wieħed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-ħajja miżżewġa jew tad-dritt għall-att taż-żwieġ;*

9. *Illi l-konvenuta żżewwġet lir-rikorrenti għal raġunijiet ta' konvenjenza u xejn aktar u dan kif ser jiġi pprovat fil-mori tal-kawża. Fiż-żmien qasir li damu miżżewwġin, hija kienet tgħix miegħu stil ta' ħajja komda, fejn ma kienitx taħdem, ma kienitx tħallas l-ebda kontijiet u kien jikkontribwixxi għall-ħajja r-rikorrenti waħdu. Oltre' minn dan kollu, huwa kien anke jaghtiha flus oltre' kull ġimgħa biex hi tixtri li tixtieq;*

10. *Illi minkejja li r-rikorrenti dejjem żammha fuq wiċċ l-idejn, darba fost l-oħrajn, hija qabdet li setgħet mid-dar u telqet lura r-R mingħajr ma qatt reġgħet ġiet lura d-dar tar-rikorrenti u fil-fatt, ir-rikorrenti ilu aktar minn għaxar snin ma jaraha!*

11. *Illi meta telqet ir-R, indubbjament, hija ma kellha l-ebda intenzjoni li tiġi lura Malta. Fil-fatt, il-partijiet għexu flimkien għall-perjodi qosra ħafna meta mqabbla ma' ħdax-il sena 'żwieġ'. In oltre', meta r-rikorrenti kien saħansitra anke xtralha kelb għax xtaqet wieħed, hi riedet li r-rikorrenti jħallas l-ispejjeż involuti biex issiefer il-kelb magħha r-R. Dan l-aġir da parti tagħha juri li hi ma kellha l-ebda intenzjoni li tirritorna lura Malta meta telqet ir-R u b'hekk huwa ċar li ma kellhix f'moħħha li tgħix mar-rikorrenti b'mod permanenti bħala koppja miżżewwġa;*

12. *Illi għalhekk iż-żwieġ iċċelebrat bejn il-partijiet huwa null għall-effetti kollha tal-liġi;*

*Għaldaqstant, in vista tar-raġunijiet premessi, ir-rikorrent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni xierqa u opportuna, jogħġobha;*

1. *Tiddeċiedi u tiddikjara illi ż-żwieġ iċċelebrat bejn il-partijiet nhar l-20 ta' Novembru 2009 huwa null u bla effett fil-liġi ai termini tal-Artikolu 19(1)(ċ) u 19(1)(f) tal-Kapitolu 255 tal-Liġijiet ta' Malta;*

2. *Tawtorizza lill-esponenti jirreġistra l-istess sentenza fir-Reġistru Pubbliku ta' Malta;*

*Bl-ispejjeż kontra l-konvenuta li hija minn issa inġunta in subizzjoni.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u l-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta tal-Kuraturi Deputati datata 2 ta' Marzu 2023 fejn talbet lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha (Vide Fol 64)

1. *Illi hija giet mahtura bhala kuratur deputat flimkien mall-Prokuratur Legali Katrina Zammit Cuomo b'idgriet tat-22 ta' Frar, 2023 sabiex jirraprezentaw lil OMM ghall-finijiet kolha tal-Ligi.*

2. *Illi l-kuraturi deputati m'humiex edotti mill-fatti u ghaldaqstant jirriservaw d-dritt li jaghmlu eccezzjonijiet ulterjuri kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt meta jkun il-kaz.*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjez kontra rikorrenti.*

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat il-verbal tal-1 ta' Gunju 2023 fejn il-partijiet iddikjaraw li jirrimettu ruhhom ghall-provi u jiddikjaraw li ma ghandhomx trattazzjoni ulterjuri x'jaghmlu u stiednu lill-Qorti tghaddi ghas-sentenza.

**Ikkonsidrat:**

***Rose Sciberras, oht l-attur, xehdet permezz ta' affidavit (vide a fol 31 et seq)*** u spjegat illi hi u l-attur minn dejjem kellhom relazzjoni tajba bejniethom. Tixhed illi qabel ir-relazzjoni tieghu mal-intimata, huha qatt ma kellu relazzjonijiet ohra u dejjem ghex wahdu fl-appartament tieghu u filfatt meta kien qalilhom bir-relazzjoni tieghu mal-intimata, inizjalment huma kienu hadu pjacir b'dan u kienu ferhu mieghu li l-attur sab lil xi hadd li jista' jaghmlu kuntent. Tispjega illi kienu iltaqghu mal-intimata meta giet Malta ghall-btala u dan wara li huha l-attur kien halsilha kollox. Hu kien qalilhom li kien sab lill-intimata fuq website u ghalkemm din kienet xi haga stramba,

huha deher kuntent u ma kienux qaghdu jindahlulu. Sussegwentement, huha kien infurmahom illi meta l-intimata kien imissha terga' tigi, huma kienu ser jizzewgu.

Ix-xhud tishaq illi ghalkemm kienet kuntenta ghal huha, din l-ghagla kollha kienet thassibha anke peress li ma kienux ilhom wisq zmien jafu lil xulxin. Illi eventwalment huha kienu zzewweg lill-intimata fl-20 ta' Novembru 2009 il-Belt Valletta u wara kienu ghamlu ikla. Tixhed illi huha dejjem kien izomm lill-intimata fuq wicc l-idejn, u kien jixtrilha kull ma riedet, tant li kien anke hallas kull ma kien hemm bzonn sabiex l-intimata gabet lill-ommha Malta ghal vaganza. Illi meta kien wasal iz-zmien biex ommha tmur lura, huha kien qalilha illi l-intimata kienet ser tmur lura r-R ma' ommha ghal xi zmien izda kien diga kellu l-passagg tar-ritorn ibbukjat, gara li l-intimata qatt ma giet lura Malta u sal-lum il-gurnata hadd minnhom ma jaf x'sar mill-intimata. Illi huha kien qalilhom li kien sab lill-intimata fuq l-istess website fejn kien originarjament iltaqgha maghha, fejn kellha indikat li kienet ***single.***

***L-attur xehed viva voce nhar it-23 ta' Marzu 2023 (vide fol 69 et seq)*** fejn spjega illi huwa kien iltaqgha mal-intimata permezz ta' *dating site online* bl-isem *globalladies.com.* Jixhed illi kienu ilhom disa' (9) xhur jitkellmu qabel ma giet Malta ghal vaganza, liema vaganza kien hallas hu. Jirrileva illi tul il-vaganza kienu kuntenti u wara li marret lura pajjiza kienu baqghu jitkelmu. L-attur jikkonferma illi hu hdax (11)- il sena ikbar mill-intimata. L-intimata kienet harget bil-proposta li jizzewgu u l-attur, peress li huwa kien guvni, kien accetta u kienu zzewwgu bic-civil fl-20 ta' Novembru 2009. L-attur kompla jsostni illi fil-bidu kien kollox harir imma imbaghad mat-trapass taz-zmien ma baqghux kif kienu ghaliex l-intimata kienet tezigi illi kollox isir kif trid hi, kienet tippretendi li dejjem tixtri l-hwejjeg u li johorgu kuljum. Jispjega illi riedet kelb u filfatt kien ukoll gabilha kelb u anke kien hallas sabiex igib lill-ommha Malta mir-R. Jikkonferma illi meta giet omm l-intimata Malta, huma kienu ilhom madwar sena mizzewgin u filfatt mal-wasla ta' ommha l-attitudni tal-intimata inbidlet ghal kollox u lanqas baqghet tmur mieghu ghand ohtu ghall-ikliet. Wara li l-intimata telqet m'ommha lura ghar-R, il-partijiet kienu ghamlu circa tlett xhur jikkomunikaw ma xulxin u l-intimata kienet ipromettiet li kienet ser tirritorna Malta f'April, izda mbaghad qatghet kull komunikazzjoni. Illi eventwalment dahal fis-site fejn originarjament kienu iltaqghu u kien rega' sab il-***profil*** taghha fejn indikat illi hija ***single.***

L-attur jikkonferma illi l-intimata hija ta' nazzjonalita' Russa u li mid-dokumentazzjoni li hi kellha tghaddi lill-*Identity Malta* huwa ikkonferma illi hija ukoll kienet xebha. L-attur jishaq illi l-ahhar komunikazzjoni li kien hemm kien fi Frar tas-sena tas-sena 2011 u minn dak iz-zmien

l'hawn, ma baqghetx tirrispondi ghall-messaggi tal-attur. Izid illi wara li ra l-*profil* taghha *online,* huwa ma baqghax jipprova jikkomunika maghha aktar.

Illi l-attur jixhed illi d-dar matrimonjali hija propjeta parafernali tieghu u kien inxtara qabel iz-zwieg.

L-attur prezenta affidavit spjegattiv dwar l-immobli minnu akkwistati qabel iz-zwieg. *(Vide fol 79 et seq)*

L-intimata ma ressqet ebda prova.

**Ikkonsidrat:**

Din hija kawza ghad-dikjarazzjoni ta' nullita' taz-zwieg tal-partijiet ikkontrattat fl-20 ta' Novembru 2009. Mill-atti jirrizulta illi l-konvenuta hija ta' nazzjonalita Russa u qabel iz-zwieg tal-kontendenti kienet toqghod ir-R, filwaqt illi l-Attur huwa ta' nazzjonalita Maltija u residenti Malti. Illi mix-xhieda tal-Attur jirrizulta illi l-partijiet kienu iltaqghu *online* fuq *dating site* bl-isem www.globalladies.com. Illi wara li kienu ghamlu madwar disa' (9) xhur jitkellmu *online*, l-intimata giet ghal btala f' Malta, liema btala kienet imhallsa mill-attur. Illi sussegwentement, l-intimata irritornat lura lejn ir-R, b'dana illi l-partijiet baqghu jitkellmu *online*. Illi kienet l-intimata li ssuggerit lill-attur sabiex jizzewwgu, b'dana illi l-attur li kien ghadu guvni kien accetta.

Mix-xhieda jirrizulta li l-partijiet ghamlu biss circa sena mizzewga, b'dana illi l-intimata, wara li l-btala taghha lejn ir-R, qatt ma rritornat lura Malta. Illi llum l-attur ma jafx x'sar minnha u l-partijiet m'ghandhom l-ebda kuntatt ma xulxin.

Din il-Qorti tosserva illi l-ebda provi ma gew prodotti mill-konvenuta peress illi il-Kuraturi Deputati ma rrnexxilhomx jintraccawha u b'hekk kienu fl-impossibbli ta' li jressqu il-provi.

Il-Qorti taghraf illi ghalkemm ma sarux eccezzjonijiet fuq il-meritu il-ghaliex l-Kuraturi Deputati ma rnexxilhomx jaghmlu kuntatt mal-konvenuta ma jfissirx illi din il-Qorti m'ghandhiex tezamina l-meritu tat-talbiet tar-attur sabiex tistabilixxi jekk jissussistux jew le il-kawzali ghall-annullament moghtija mill-attur, u dan peress illi fir-rigward taz-zwieg tezisti prezunzjoni ta'

validita. Fir-rigward taz-zwieg, tezisti prezunzjoni ta' validita. Kif inghad fis-sentenza fl-ismijiet ***L-Avukat A B noe vs ED*** deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-31 ta' Jannar 2018:

> ***Huwa pacifiku illi z-zwieg huwa istitut ta' l-ordni pubbliku u bhala tali ghandu jgawdi minn dawk is-salvagwardji li jixraqlu u li huma necessarji biex jiggarantixxu l-importanza u s-solennita` li dan l-istitut ghandu fis-socjeta`. Appuntu ghal din ir-raguni, il-kuntratt taz-zwieg ma huwiex regolat bid dispozizzjoniiet generali in materja ta' kuntratti li nsibu fil-Kodici Civili izda b'lex specialis taht il-Kap. 255, li tipprovdi dwar ir-ragunijiet li minhabba fihom zwieg jista' jigi dikjarat li huwa minghajr effett. Inoltre, tezisti a favur iz-zwieg prezunzjoni ta' validita` illi tesigi li z-zwieg ma ghandux jigix dikjarat li huwa invalidu, jekk ma jitressqux ghas-sodisfazzjon pjen tal-qorti, provi cari u konkreti li jezistu ragunijiet gravi u serji u eccezzjonali skond kif trid il-Ligi, li jiggustifikaw talba ghan-nullita`…***
>
> ***In-nullita` taz-zwieg hija ghalhekk eccezzjoni ghar-regola ta' validita` u konsegwentement, kull talba biex zwieg jigi dikjarat li qatt ma kien, ghandha titqies b'cirkospezzjoni filwaqt li tinghata wkoll interpretazzjoni ristrettiva…***

Kif inghad fis-sentenza fl-ismijiet ***Carmel Farrugia vs Pauline Farrugia*** deciza millQorti tal-Appell fit-12 ta' Lulju 1987:

> ***Iz-zwieg huwa wiehed mill-kuntratti l-aktar essenzjali ghas-socjeta' u bla dubju ta' xejn huwa ta' ordni pubbliku li l-Qorti trid tersaq lejh bl-aktar rispett… Ghall-Qorti n-nullita' hija haga serjissima u eccezzjonali bbazata fuq ir-rekwiziti legali, u bhala materja eccezzjonali trid tkun interpretata restrittivament.***

Inoltre, kif intqal fis-sentenza fl-ismijiet ***Joseph Zammit vs Bernardette Zammit*** deciza 27 ta' Jannar 2006:

> ***Irid mill-ewwel jiġi senjalat prinċipju fundamentali fil-liġi ċivili u cioe' li ż-żwieġ bejn il-kontendenti għandu jkun preżunt li jkun wieħed validu. Għalhekk huwa dover assolut ta' kull parti fil-kawża li tagħmel prova sodisfaċenti ta' l-***

***allegazzjonijet rispettivi tagħha dwar l-allegazzjoni u cioe' li ż-żwieg huwa null għaliex l-oneru tal-prova huwa dejjem fuq spallejn min jallega.***

Illi ghalhekk il-Qorti tghaddi sabiex tezamina fil-meritu taghhom il-kawzali ta' nullita' mressqa mill-attur.

**Ikkonsidrat:**

L-attur qieghed jibbaza t-talba taghha fuq l-Artikoli **19 (1) (c) u (f) tal-Kap 255** tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi l-Artikolu 19(1)(c) jipprovdi illi zwieg ikun null:

***(ċ) jekk il-kunsens ta' xi waħda mill-partijiet ikun inkiseb b'qerq dwar xi kwalità tal-parti l-oħra li tista' mix-xorta tagħha tfixkel serjament il-ħajja miżżewġa;***

Dwar l-Artikolu 19(1)(c) u cioe' li l-kunsens tar-rikorrenti nkiseb b'qerq dwar xi kwalita` tal-parti l-ohra li tista' mix-xorti taghha tkixkel serjament il-hajja mizzewga, issir referenza ghall-kawza fl-ismijiet: ***Pierina Micallef vs. Bentanfous Amor***[1] fejn gie dikjarat li "

***Kwantu għal "qerq" …. dan ċertament hu motiv ta' nullita` tal-ftehim jew tal-kuntratt kif hekk del resto jiddisponi l-Artikolu 981(1) tal-Kodiċi Ċivili. L-egħmil doluż pero` ma jista' qatt ikun preżunt u għandu jiġi pruvat (Artikolu 981(2)). Il-qerq irid ikun tali li jkun jista` jbiegħed ir-raġuni u jegħleb il-volonta.`"***

***1) il-qerq jigi perpetrat bil-hsieb li wiehed jikseb il-kunsens tal-parti;***
***2) li l-qerq ikun incida fuq il-kunsens tal-parti;***
***3) li l-qerq ikun jirrigwarda xi kwalita` tal-parti l-ohra;***[2]
***4) li din il-kwalita` tkun tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga.***

Mhux necessarju li l-hajja mizzewga giet effettivament imfixkla, imam ghandu jigi stabbilit li

[1] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-9 ta' Diċembru 2002 (Ċitazzjoni Numru 1176/2000/1PS)
[2] Carmelo sive Charles Mifsud vs. Anna Mifsud nee' Ignacakova, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 13 ta' Novembru 2002 (Ċitaz. 2469/1997RCP) u AB vs. Dr. Leontine Calleja et noe deċiża mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fis-6 t'April 2017 (Rikors Ġuramentat 21/16AL)

kien hemm il-potenzjal li tfixkel.

Illi l-Qrati taghna dejjem sostnew li z-zwieg ikun null skond dan is-sub-artikolu jekk wahda mill-partijiet taghti l-kunsens taghha ghax tkun giet imqarrqa jew mill-parti l-ohra jew minn xi haddieħor dwar xi kwalita` tal-parti l-ohra.[3] Bi kwalita` tal-persuna, il-Qorti tifhem illi l-qerq ikun relatat mal-persuna innifisha bħal ma hija persuna marida, infertili jew afflitta mill-ġenn, jew ivvizzjata bid-droga, bl-alkohol jew bil-logħob tal-azzard, li tahbi tali vizzju jew mard mill-konjugi l-iehor qabel iz-zwieġ, jew persuna t'orjentazzjoni sesswali mhux kif mistenni fir-relazzjoni partikolari.[4]

Illi l-Artikolu 19 (1) (f) jipprovdi illi zwieg ikun null:

> ***jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga.***

B'referenza ghal dan is-sub-inciz intqal fis-sentenza fl-ismijiet ***Simon Cusens vs Romina Cusens*** deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-10 ta' Dicembru 2014 illi:

> ***"Dan is-subinciz (f) jirreferi ghal dawk ic-cirkostanzi fejn xi hadd mill-partijiet ikun ha decizjoni li ghalkemm ser jippartecipa fic-cerimonja taz-zwieg huwa kien qieghed jeskludi jew iz-zwieg innifsu jew xi wiehed mill-elementi essenzjali taz-zwieg b'tali mod li z-zwieg ikun qieghed jigi eskluz. Fi kliem iehor, sabiex zwieg jigi kkonsidrat null ai termini ta' dan is-subinciz jehtieg li jigi pprovat li xi hadd mill-partijiet huwa hati ta' simulazzjoni fis-sens illi minn barra kien jidher li qed jaghti l-kunsens ghar-rabta matrimonjali mentri fil-fond tal-menti tieghu jew taghha iz-zwieg jew xi element essenzjali tal-hajja mizzewga kien qed jigi eskluz a priori."***

Bl-istess mod, fis-sentenza fl-ismijiet ***L-Avukat A B noe vs ED,*** citata aktar il-fuq intqal:

---

[3] Fattah xebba Perry vs Dr. A. Mifsud et, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit- 22 ta' Novembru 1982, kif iċċitata b'approvazzjoni f'Carmelo sive Charles Mifsud vs. Anna Mifsud nee' Ignacakova, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 13 ta' Novembru 2002 (Ċitaz. 2469/1997RCP)

[4] Bħal fil-każ ta' David Buhagiar vs. Roseanne nee Maile, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-24 t'April 1995, (Ċitazzjoni: 1584/94VGD);

> ***Illi gie konsistentement ritenut illi dan is-subinciz (f) jirreferi ghal dawk ic-cirkostanzi fejn xi hadd mill-partijiet ikun ha decizjoni li ghalkemm ser jippartecipa fic-cerimonja taz-zwieg, hija tkun qieghda teskludi jew iz-zwieg innifsu, jew xi wiehed mill-elementi essenzjali taz-zwieg b'tali mod li z-zwieg ikun qieghed jigi eskluz. Fi kliem iehor, biex zwieg ikun null ai termini ta' dan is-sub inciz, xi hadd mill-partijiet ma jkollux intenzjoni li jizzewweg u jghix hajja konjugali, izda jkun resaq ghac-celebrazzjoni taz-zwieg sabiex jilhaq xi ghan ulterjuri.***

Il-Qorti hawnhekk taghmel ukoll referenza ghas-sentenza fl-ismijiet ***Anthony Gallo vs Dr. Anthony Cutajar et nomine*** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta' Mejju 2002 fejn inghad illi:

> ***meta wiehed jitkellem dwar l-eskluzjoni taz-zwieg jew wiehed mill-elementi essenzjali tieghu, wiehed irid jifli jekk il-kontendenti jew wiehed (jew wahda) minnhom, allavolja hu kapaci jaghti l-kunsens validu taz-zwieg, pero` bl-att tieghu hu qabel u fil-hajja mizzewga, jew bl-ommissjoni tieghu, eskluda a priori z-zwieg,…….hu jew hi eskludew xi wahda jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga.***

**Ikkonsidrat:**

Illi hija l-fehma konsiderata ta' din il-Qorti illi mill-provi prodotti jidher illi z-zwieg ta' bejn il-partijiet kien sempliciment wiehed ta' konvenjenza. Jidher illi l-intiza tal-intimata kienet li tizzewweg lill-attur sabiex hija tkun tista' tirrisjedi Malta, tikseb karta tal-identita' Maltija, u li permezz taghha tkun tista' possibbilment taccedi ghall-kumplament tal-Ewropa. Dan johrog b'mod car mill-hegga eccessiva taghha sabiex hija u l-attur ifittxu jizzewgu malajr. Il-Qorti hija tal-fehma illi minn dan huwa dezumibbli illi l-konvenuta izzewwget lill-attur unikament ghal dan il-ghan u hekk kif ottjeniet dak li riedet, abbandunat lill-attur daqs li kieku qatt ma kien gie ccelebrat zwieg bejniethom. Kif jghallem il-gurista **Francesco Bersini** fuq is-suggett taz-zwieg ta' konvenjenza:

***Chi ad esempio intende un fine estrinseco al matrimonio in modo tale da escludere con atto posittivo di volonta' lo stesso matrimonio, che per lui e` una pura formalita' vuota e senza senso, evidentemente fa del matrimonio un rito vano. In tal modo contrae invalidamente colui che, escludendo con atto posittivo di volonta', almeno implicito, lo stesso matrimonio, si sposa unicamente ed esclusivamente per un fine estrinseco, cioe' diverso dal matrimonio, fine che egli intende come oggetto esclusivo del consenso. Per esempio: avere una dote, evitare il servizio militare, adire una eredita', scopi di libidine, ecc…***

Il-gurisprudenza tal-Qrati Maltin fuq dan is-suggett hija fis-sens illi zwieg ta' konvenzjenza jimporta s-simulazzjoni tal-kunsens peress illi l-partijiet, jew xi hadd minnhom, ikunu eskludew posittivament iz-zwieg innifsu, u ghalhekk huwa zwieg null f'ghajnejn il-ligi. Partikolari fir-rigward ta' kazijiet fejn il-kunsens ta' xi hadd mill-partijiet ikun ikkontratta z-zwieg sabiex ikun jista' jirrisjedi jew jahdem Malta, intqal illi:

***Meta l-uniku skop tal-kontraent jkun li jibqa' Malta biex jahdem u eventwalment jikseb ic-cittadinanza, hu jkun qieghed posittivament jeskludi z-zwieg innifsu, b'mod li jkun hemm simulazzjoni totali. Naturalment, f'dawn il-kazijiet wiehed ma ghandhux jistenna li jsib prova diretta tas-simulazzjoni, fis-sens ta' xi dikjarazzjoni esplicita tal-intenzjoni ta' dak li jkun, pero' tali intenzjoni tista' tigi manifesta wkoll implicitament.***

Illi ghalkemm hija l-fehma konsiderata ta' din il-Qorti illi l-attur ma rnexxilux jipprova sal-grad rikjest mill-ligi fil-kamp civili, illi tezisti n-nullita' taz-zwieg tieghu mal-intimata a bazi tal-artikolu artikolu 19(1)(c), din il-Qorti tinsab moralment konvinta illi z-zwieg tal-partijiet huwa null ai termini tal-Artikolu 19 (1) (f) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta u dana stante illi mill-provi jidher car illi dan iz-zwieg ghall-intimata kien sempliciment wiehed ta' konvenjenza. Minn dan isegwi, skont il-gurisprudenza hawn fuq citata, illi l-kunsens tal-konvenuta kien simulat u ghaldaqstant iz-zwieg tal-partijiet null ai termini tal-Artikolu 19 (1) (f) tal-imsemmi Att.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talba tar-rikorrent u tiddikjara illi z-zwieg ikkontrattat bejn il-partijiet fl-20 ta' Novembru 2009 bin-numru ta' iskrizzjoni**

**2068/2009 huwa null u bla effett ai termini tal-Artikolu 19 (1) (f) tal-Att Dwar iz-Zwieg u tawtorizza lill-attur jirregistra l-istess sentenza fir-registru pubbliku ta' Malta u dana wara li din is-sentenza tghaddi in gudikat.**

**Il-Qorti tordna l-ispejjes kontra l-intimata izda jithallsu provizorjament mill-attur.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Christabelle Cassar**
**Deputat Registratur**